

Brussell, 7 ta' Frar 2022
(OR. fr)

5928/22

LIMITE

TTC 5
USA 8

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Dikjarazzjoni konġunta mal-Istati Uniti tal-Amerka fil-qafas tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti - Awtorizzazzjoni għal negozjati dwar strument mhux vinkolanti

1. Il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija (TTC) bejn l-UE u l-Istati Uniti, stabbilit mill-mexxejja fis-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti fil-15 ta' Ġunju 2021, iltaqa' għall-ewwel darba f'Pittsburgh fid-29 ta' Settembru 2021.
2. Fit-2 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni Ewropea infurmat lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti bl-intenzjoni li tidħol f'negozjati dwar strument mhux vinkolanti fil-forma ta' dikjarazzjoni konġunta mal-Istati Uniti tal-Amerka fil-qafas tat-TCC¹. Dik id-dikjarazzjoni tista' tiġi approvata fil-laqgħa li jmiss tat-TCC skedata għar-rebbiegħa 2022.

¹ ST 5908/22

3. Id-dikjarazzjoni konġunta għandha, fost oħrajn, tenfasizza, f'konformità mad-Dikjarazzjoni tas-Summit bejn l-UE u l-Istati Uniti tal-15 ta' Ġunju 2021 u d-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Kunsill għall-Kummerċ u t-Teknoloġija tad-29 ta' Settembru 2021, l-importanza ta' kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar kwistjonijiet ta' kummerċ u teknoloġija, u tafferma mill-ġdid l-oġettiv tal-koordinazzjoni tal-approċċi tagħhom għal kwistjonijiet kummerċjali, ekonomiċi u teknoloġiċi globali ewlenin u biex tapprofondixxi r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi tranż-Atlantiċi bbażati fuq valuri demokratiċi komuni.
4. Il-Kummissjoni Ewropea ser ikollha tinforma regolarment lill-kumitati u l-gruppi ta' ħidma rilevanti kif ukoll lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti dwar il-progress li jkun sar u tiġi lura l-Kunsill fi tmiem in-negozjati sabiex tikseb, f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill għall-approvazzjoni, fisem l-Unjoni, tal-istrument mhux vinkolanti li għandu jirriżulta min-negozjati.
5. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:
 - jikkonferma l-qbil tiegħu li l-Kummissjoni Ewropea tidħol f'negozjati dwar dikjarazzjoni konġunta mal-Istati Uniti tal-Amerka fil-qafas tal-Kunsill tat-TTC; u
 - jistieden lill-Kunsill biex japprova, bħala punt "A" fl-aġenda ta' laqgħa li jmiss, it-tnedija ta' negozjati dwar dikjarazzjoni konġunta mal-Istati Uniti tal-Amerka fil-qafas tat-TCC.